MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru 277/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**v**

**JOHN ZAMMIT**
**CARMELO ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN ZAMMIT** ta' tnejn w erbghinsena bin Paul u Josephine nee Grech, imwieled B'Kara nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 1961 u residenti Flat 4, Block D, Tal-Laqxija Housing Estate, B'Kara detentur tal-karta tal-identita numru 355361M u **CARMELO ZAMMIT** ta erbghin sena bin Alfred u Giovanna nee Muscat, imwieled Mosta nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1962 u joqghod 'DR Flats, Flat 2, Triq Salvu Dimech, Mosta, detentur tal-karta

tal-identita numru 602462M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2003 matul l-gurnata f'Pembroke ikkommettew  serq ta' diversi oggetti antiki liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta Carmelo Sammut minn B'Kara.

Talli fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2003, u fil-jiem ta' wara f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe l-oggetti msemmija aktar 'l fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2003 kif jirrizulta fl-atti a fol 33 sabiex din il-kawza tigi trattrata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 kif jirrizulta a fol 93 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju, kif wkoll l-provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2002 xehed l-Ispettur Jeffrey Azzopardi** kif jirrizulta a fol 15 et seq tal-atti, fejn spjiega li fit-tmintax ta' Frar 2002 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl, kienet giet rappurtata serqa minn residenza Palazzo Santa Liena, minn certu Carmelo Sammut.  Illi l-istess Carmelo Sammut kien mar fuq il-post flimkien mal-Pulizija u rrakkonta lil Pulizija li ma kien sab xejn nieqes izda li diversi oggetti kienu gew spustjati. Carmelo Sammut stqarr mal-Pulizija li kellu diversi oggetti konsistenti f'ghamara antika li gew misruqa fosthom sottospecchio, komodina, mejda tal-biskutin u xi mandolina.

Aktar tard l-Pulizija waslitilha informazzjoni li l-oggetti misruqa setghu jinstabu fir-residenza tal-imputat John Zammit. Huwa fil-fatt kien kellem lil dan John Zammit u qallu li huwa kellu ghamara fil-pussess tieghu f'garaxx u fil-fatt wriehomlhom. Huwa ghalhekk tkellem mal-imputat John Zammit li qallu li fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2002, huwa kien qed jahdem fil-gebel f'Pembroke mal-ko-akkuzat l-iehor Carmelo Zammit meta f'xi hin iddecidew li jmorru passeggjata. F'bicca xaghri taht xi ftiegh lemhu mandolina antika u xi oggetti tal-ghamra. Huma ghalhekk ghabbewhom fuq il-van ta' Carmelo Zammit w irritornaw lura fuq l-lant tax-xoghol. Xi siegha u nofs wara mart Carmelo Zammit giet fuq il-post biex tigbru u mieghu ha bomblu, filwaqt li John Zammit qallu li mar jwassal lil certu ragel maghruf bhala l-Germus, ghadda minn quddiem l-Ghassa u mar d-dar bl-ghamara mghobbija fuq it-truck tieghu. Dan John Zammit spjiegalu li martu ghogbuha l-affarijiet u ghalhekk qalilha li kien halla xi affarijiet warajh izda meta reggha mar maghha fuq il-post sab li l-oggetti kienu miksra u fil-fatt dawn l-oggetti gew wkoll fotografati mill-Pulizija fl-istat li kienu.

Carmelo Zammit qallu l-istess versjoni tal-fatti salv li kien ha bomblu biex ipoggieh fuq il-bejt bhala ornament ghal roof garden.

Mistoqsi mid-Difiza jispjiega fejn instabu l-oggetti li allegatament gew misruqa, l-Ispettur Jeffrey Azzopardi jghid li kienu f'bicca raba xaghri fuq in-naha tal-lemin taghha int w niezel lejn il-bahar, madwar erbghin metru 'l gewwa, mhux accessibbli b'vettura. Ix-xaghri huwa post pubbliku.

**Carmelo Sammut Alessi** jghid, meta xehed nhar it-tmintax ta' Novembru 2003 kif jirrizulta a fol 63 tal-atti odjerni li fit-tmintax ta' Frar 2002, kienu cemplulu u qalulu li Palazzo Santa Liena gie sgassat. Huwa mar fuq il-post u sab kullimkien mixghul u bl-ghamara kollha nieqsa. Illi sussegwentement il-Pulizija tkellmu mieghu u qalulu li l-oggetti kienu nstabu u li fil-fatt huwa gharafhom bhala tieghu ghalkemm kellhom xi hsarat. Huwa pero ma jghidx

li kienu l-istess oggetti li nstabu ghand l-imputat u fl-ebda stadju tal-proceduri m'gharaf l-oggetti misjuba ghand l-imputat.

**Il-Perit Richard Aquilina** xehed nhar t-tmintax ta' Frar 2004 kif jirrizulta a fol 68 tal-atti wara li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu fejn spjega li l-oggetti li gew misruqa kellhom valur ta' cirka hamest elef u tlett mitt lira maltin, kif deskritti fl-istess relazzjoin tieghu esibita a fol 70 et seq markata bhala dokument RA.

Il-Pulizija ressqet wkoll lil PC 835 Charles Grech nhar s-sbatax ta' Mejju 2004 kif jirrizulta a fol 91 et seq tal-atti jikkonferma l-istqarriji esibiti mill-Ispettur Jeffrey Azzopardi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003, u cioe dik rilaxxjata mill-imputat John Zammit nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2003 esibita a fol 21 et seq tal-atti markata bhala dokument GA 1 u dik rilaxxjata mill-imputat Carmelo Zammit rilaxxjata wkoll nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2003 esibita a fol 23 tal-atti markata bhala dokument GA 2.

Illi **jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat John Zammit nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2003 fis-ebgha w nofs ta' filghaxija esibita a fol 21 et seq tal-atti markata bhala dokument GA 1** li hu jichad li qatt ippartecipa f'xi serqa ta' diversi oggetti antiki minn post f'B'Kara u dan b'mod kategoriku, izda jghid li ha xi oggetti kif deskritti minnu fl-imsemmija stqarrija minn xi post f'raba xaghri f'Pembroke ghaliex haseb li kienu mormija. Mistoqsi specifikament jekk kienx jaf li l-oggetti in kwistjoi kienu gejjin minn serq, huwa rrisponda fin-negattiv. Jghid li kienu ma gemb nunzell zibel pero mistoqsi ghaliex ma gabarx z-zibel minflok l-oggetti, l-imputat wiegeb li "*Ghaliex ma kienux jidhru mkissrin*." Mistoqsi jekk kellux suspett li l-oggetti m'intremewx izda tqieghdu hemmhekk, l-imputat wiegeb "*Nghidlek id-dritt, issuspettajt ghax kienu ghadhom sew hu!*" Jghid ex admissis "*Issuspettajt li xi hadd seraqhom u tefaghhm hemm.*"

**Carmelo Zammit fl-istqarrija rilaxxjata wkoll nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2003 esibita a fol 23 tal-atti markata bhala dokument GA 2** wkoll jichad il-

partecipazzjoni tieghu fis-serq li sehhet f'B'Kara. Mistoqsi jispjiega kif l-oggetti antiki li nstabu ghand John Zammit gew f'idejh, huwa jaghti l-istess versjoni tal-fatti kif esposti minn John Zammit salv li jghid li huwa zamm il-bomblu li gabar ghalih u poggieh fl-intrata tal-flats fejn joqghod biex eventwalment jghamlu bhala ornament fir-roof garden waqt li l-oggetti l-ohra hadhom John Zammit u ma jafx s'sar minnhom. Mistoqsi jekk kienx jaf li kienu gejjin minn attivita kriminali, l-imputat Carmelo Zammit wiegeb fin-negattiv u qal li sabhom f'post pubbliku taht sigra abbandunata u ghalhekk ma kellhomx sid.

L-imputati **John Zammit u Carmelo Zammit, t-tnejn xehdu viva voce l-Qorti** w ikkonfermaw l-istqarrija rilaxxjata minnhom nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2003. Illi pero ziedu jghidu li l-oggetti meta kienu mghobbija ma gewx mghottija u diversi nies rawhom jghabbu l-affarijiet u fil-fatt uhud minn shabhom rawhom bil-mandolina f'idejhom.

Carmelo Zammit jghid li ghalih l-oggetti kienu abbandunati, mitluqin taht sigra boghod xi sittin pied mit-triq filwaqt li John Zammit jghid li l-irhama tas-sottospecchio kienet impoggiha b'certu galbu ghalkemm l-oggetti 'n kwistjoni dehru abbandunati.

Il-Qorti rat wkoll l-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Abigail Lofaro dwar is-serq bi sgass mill-fond Palazzo Santa Liena, 86, Triq Gharghur, B'Kara nhar d-dsatax ta' Frar 2003 pero minn imkien ma jirrizulta li l-oggetti li nsterqu mill-fond sitwat fi Triq Santa Liena huma l-istess oggetti li nstabu ghand l-imputat John Zammit. La Carmelo Zammit, la l-Perit Richard Aquilina, u lanqas il-Pulizija Ezekuttiva ma jikkonfermaw jew jidentifikaw l-oggetti. L-unika identifikazzjoni li jista jkun hemm huwa r-ritratt tal-bomblu li nstab ghand Carmelo Zammit kif muri fir-ritratt esibit pero lanqas fuq dan ma jista jinghad li gej mis-serq ta' Palazzo Santa Liena ghaliex meta xehed Carmelo Sammut Alessi kemm fl-inkjesta kif wkoll l-Qorti, qatt ma qal li nsteraqlu xi bomblu u fil-proceduri odjerni ma giex muri r-ritratti esibiti w mmarkati bhala dokumenti AP 1 u AP 2 u ghalhekk huwa lanqas m'identifikah.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tirrileva li bejn is-serqa minn go Palazzo Santa Liena u l-oggetti mehuda mill-imputat minn Pembroke ma hemm ebda *nexus crimine* fin-nuqqas t'identifikazzjoni skond l-ligi.

Illi l-imputati odjerni pero huma akkuzati b'serq ta' diversi oggetti antiki minn Pembroke.

Illi bhala fatti li taw lok ghal dan il-kaz jidher li hemm qbil u cioe li l-imputati sabu oggetti f'post xaghri f'Pembroke pero filwaqt li l-Prosekuzzjoni tghid li tirrizulta l-akkuza ta' serq, d-Difiza ssostni li l-imputati m' ikkommettew ebda reat kriminali.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Edgar Attard** fejn gie deciz li:

*"F'kaz t'allegat serq, anke meta s-sid ma jkunx maghruf, sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett in kwistjoni ma hux res nullius u lanqas res derelicta, xorta hemm d-delitt ta' serq. "*

Minn naha tal-imputati pero id-Difiza tghid li ma hemmx l-elementi kostituttivi ta' dan d-delitt ta' serq, ghaliex huma ma kienux serqu dawk l-oggetti ta' sid injot, izda kienu biss sabuhom wara li gew abbandunati u ma gewx mitluba jew rikjamati minn xi hadd.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ndikata mill-Prosekuzzjoni u cioe **Il-Pulizija v Partrick Xuereb u John Mary Galea** ***moghtija nhar l-hdax ta' Lulju 1995*** kif wkoll ghal sentenza ohra moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghxorin ta' Settembru 1996*** **fl-ismijiet Il-Pulizija v Alfred Camilleri** fejn gie ritenut li:

*"Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li minn isib oggett f'post pubbliku f'cirkostanzi li wiehed jista jifhem li ma*

*kienux mitlufa, abbandunati jew li ma kienu ta' hadd u jippriva ruhu minnhom, dak li jkun, qed jikkommetti serq."*

**Il-Professur Mamo** fin-***Noti tieghu fil-ktieb Criminal Notes***, jghid:

*"  Though there may be a theft only where a thing at the time of being stolen, belonged to some other person, yet it is not necessary that this person should be a full owner, he me be a person having possession or control of the thing.  It is not necessary that the owner be known or discoverable… it is sufficient for the crime that the person taking the object away, had not right thereto.  In fact it is not necessary that the person taking the object away had no right thereto.  In fact it is not necessary that the person from whom the thing is taken, shall have been the owner thereof in the full sense of civil law."*

Mill-banda l-ohra, kif sostniet id-Difiza, jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu *res nullius*, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. [vide **Il-Pulizija v Dennis Sghendo et *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Jannar 2000*** kif indikata mid-Difiza stess]

**Sir Anthony Mamo** dwar dan jghid:

*"Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own."*

Naturlament sabiex qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kin wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Id-Difiza wkoll sostniet li l-imputati m'ghamlu ebda gwadan mill-oggetti mehuda u konsegwentement hemm element nieqes tad-delitt ta' serq ghaliex m'ghandu valur ta' xejn.

Bir-rispett kollu pero il-Qorti ma taqbilx ma din d-difiza difensjonali ghaliex kif ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Lulju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Dimech** gie ritenut li:

*"Il-hsieb ta' gwadan - animus lucrandi - fis-serq mhux necessarjament ikun gwadan pekunarju dovut ghar-ricettazzjoni ta' l-oggett misruq; il-gwadan maghmul mill-uzu tal-haga huwa bizzejjed."*

Issa fil-kaz in ezami, ghalkemm il-provi huma li huma, d-deposizzjoni tal-imputati huma differenti u huwa principju bazilari fil-ligi penali li dak li jghid akkuzat ghandu jinfluwenza li ntqal fil-konfront tieghu biss u ghalhekk fid-dawl ta' dan il-principju bazilari, dak li qal John Zammit ma jeffettwax il-posizzjoni tal-ko-akkuzat Carmelo Zammit.

Meta John Zammit gie mistoqsi a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar t-tnejn u ghoxirn ta' Frar 2003, jekk kellux suspett li l-oggetti mehuda minnu ma kienux intremew, izda tqieghdu hemm ghal affarijiet ohra, l-imputat wiegeb li kellu suspett li kien hemm ghaliex l-oggetti kienu ghadhom sewwa. Jelabora u jghid li kellu suspett li xi hadd seraqhom u tefaghhom hemmhekk.

Issa ghalkemm il-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta' serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza, illi s-serq huwa l-kontrattazzjoni ta' haga mobbli li ghandha valur maghmul ghad-dannu u kontra l-volonta tas-sid u bi skop li jsir minnu profitt. [vide s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Jannar 1942*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Felice**]
Issa l-kontrattazzjoni hija konsumata malli l-haga tigi sottratta mill-liberta disponibbli anke momentarjament tal-proprjetarju jew tal-pussessur taghha avolja dak li jiehu l-haga gieli ma jirnexxilux japproprja ruhu minnha ghax jinqabad jew ghal xi raguni ohra indipendentement mill-volunta tieghu. Issa f'dan il-kaz l-imputat John Zammit, ra l-oggetti, ghabbihom meta kellu suspett li kienu proprjeta ta' terzi, mexxihom minn posthom u hadhom id-dar.

Illi bir-rispett kollu l-Prosekuzzjoni m'irnexxilix tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-valur tal-oggetti li nstabu ghand l-imputat u ghalhekk din il-Qorti sejra issibu hati biss ta' serq semplici. Il-Prosekuzzjoni ppruvat biss l-valur tas-serqa ta' B'Kara u mhux dik kommessa mill-imputat minn Pembroke.

Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni din inghatat b'mod alternattiv ghall-akkuza ta' serq u ghalhekk, stante li din il-Qorti sabet lil imputat John Zammit hati tal-akkuza ta' serq, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza alternattiva.

Fil-konfront tal-imputat Carmelo Zammit, il-Qorti m'hiex rinfaccjata bl-istess fatti u dan ghaliex l-imputat Carmelo Zammit ma jurix x'intenzjoni kriminuza kif wera l-ko-akkuzat l-iehor. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat Carmelo Zammit genwinament emmen li l-oggett li ha pussess tieghu u cioe l-bomblu kien gie abbandunat minn sidu jew li hu *res nullius* u ghalhekk fil-fehma taghha huwa nieqes l-element formali tar-reat ta' serq u ghalhekk kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar 1935*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lorenzo Depares**, l-imputat Carmelo Zammit ma kellu ebda hsieb li kien qed jaghmel xi haga hazina jew kontra l-ligi w inqas w inqas li kienx qed jisraq hwejjeg haddiehor u ghalhekk f'dan il-kaz lanqas mhux biss il-fehma li tisraq - l-*animus furandi* - li huwa mehtieg biex wiehed ikun hati ta' serq, izda l-istess fehma ta' hazen - *dolo generico* - li minghajru ma jistax ikun hemm l-ebda delitt skond l-ligi.

Illi dwar l-akkuza alternativa u cioe dik ta' ricettazzjoni, il-Qorti rat wkol li l-element ta' dan r-reat huwa nieqes u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li tali akkuza ma tirrizultax ppruvata.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c), 267, 279 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat John Zammit esibita fl-atti a fol 5 et seq, minn fejn jirrizulta li kiser dufrejh mal-ligi, almenu sitt darbiet meta nstab hati fis-sena 1971 ta'

serq ta' kartiera li kienet tikkontjeni tlieta w tletin lira u fis-sena 1987 wkoll fuq serq ta' tmien mitt lira maltin.

Illi pero l-imputat John Zammit dejjem inghata Probation salv ghal zewg amendi zghar u ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat ma tghallimx minn dawn l-opportunitajiet moghtija lilu.

Mill-banda l-ohra pero, **l-Qorti** wkoll nnotat dak li qalet il-Prosekuzzjoni u cioe li l-imputati John u Carmelo Zammit ikkorroboraw bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha w illum hafna mir-res furtiva tista tigi ritornata lil sidha legittimu, u ghalhekk fic-cirkostanzi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lil imputat JOHN ZAMMIT ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin fuq l-akkuza ta' serq semplici li din il-Qorti sabitu hati u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi ta' ricettazzjoni fil-konfront tieghu u tiddikjara li ma ssibx lil imputat CARMELO ZAMMIT hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------